MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 144/2012

**Melita plc**

**Vs**

**Irene Chircop**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Frar 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija u sitta u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€546.25) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal servizz ta’ data u tv fil-fond 105 Triq San Pawl il-Bahar u dan skond l-istatement tal-kont numru 549742 dokument ipprezentat u rapprezentanti servizz mghoti mill-kumpanija attrici Melita plc liema servizz ma giex imhallas u dan minkejja li l-konvenuta giet diversi drabi interpellata sabiex thallas u tirritorna la-apparat.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluzi tal-ittra ufficjali bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-14 ta' Mejju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fl-14 ta' Mejju 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sitta u erbghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€546.25) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------